# IS-SINJURA TAGHNA TAL-HNIENA



Il-bini tas-santwarju marjan, skont it-tradizzjoni, huwa marbut ma' dehra ta' Marija Ssma lil wiehed bidwi jismu Antonio Botta fil-ghodwa tat-18 ta' Marzu 1536.

Fit-18 ta 'Marzu, 1536, Antonio Botta, bidwi nattiv mill-wied ta' San Bernardo, sitt kilometri minn Savona, mar kmieni filghodu fil-vinja żghira tieghu biex itemm iz-zbir tad-dwieli.

Fit -triq bhas-soltu rreccita t-talba tar-Ruzarju. Biex jasal l-ghalqa tieghu kien jehtiglu li jaqsam xmara zghira. U kien hawn li tidhirlu l-Madonna. Jirrakonta li rcieva messagg minn Omm Alla li qaltlu: "Qum u tiddubitax li jien il-Vergni Marija. Mur għand il-konfessur tieghek u ghidlu biex ihabbar fil-knisja biex in-nies isumu għal tliet Sibtijiet u biex jorganizzaw purċissjoni ad unur Alla u Ommu. Fir-Raba Sibt erga' ejja hawn u nkellmek aktar."

Meta gie f'tieghu, Antonio, informa lir-Rettur ta' San Bernardo in Valle, fejn kien joqghod li minn naha tieghu nforma lil Mons. Monsinjur Bartolomeo Chiabrera, Vigarju Generali tal-Kardinal Agostino Spinola għad-Djoċesi ta 'Savona. L-awtorita' tal-knisja laqghet din it-talba tal-Madonna; billi kien zmien ir-Randan il-predikaturi heggew lin-nies jaghmlu penitenza.

Izda  l-awtorita' civili rreagixxiet negattivament billi l-mexxejja politici bezghu li jkun hemm xi nkwiet minn dawk li kienu kontrihom, f'isem il-fidi.

Fir-raba Sibt li kien jahbat it-8 ta' April 1536 u lejlet Hadd il-Palm, Antonio Botta zamm kelmtu ma' Marija u rritorna fuq l-istess post. Hemm Marija Ssmma talbitu ghal tlett Sibtijiet  ta' sawm u processjoni . Talbet

ukoll biex il-Konfraternita' ta' Dixxiplinati tippridka l-indiema u pentenza bi tpattija ghad-dnub u l-vizzju, u li l-poplu jghix dak li jemmen. Imbaghad Marija Ssma ghebet waqt li qaltu:" Hniena ibni u mhux gustizzja."

Il-Vergni Marija dehret ukoll ghal darb'ohra waqt li in-nies ta' Savona kienu qed jipprocessjonaw skont ix-xewqa ta' Marija. Hija talbithom li jibnu santwarju u kappella minn fejn hija setghet tixfrex il-hniena taghha



u xxerred il-grazzji b'abbundanza lil dawk fil-bzonn. Qrib is-santwarju bnew ukoll sptar biex ikun ta' assistenza lil dawk li jehtiguh.

Fit-18 ta' Marzu tas-sena 1580 Marija Ssma tidher lil Patri Kapuccin f'gheluq l-44 sena mill-ewwel dehra taghha. Twahhal salib biex jibqa' imfakkar dan l-avveniment. U l-gholja kulhadd kien isibha bhala l-gholja tas-Salib. Biex aktar tissahhah it-

tifkira fost in-nies ta' Savona, in-nobbli Pietro Paolo de Franchi bena' kappella b'koppla f'forma ottagonali.



Il-Papa Benedittu XVI onora s-Santwarju tal-Madonna della Misericordia bl-unur tal-Warda tad-Deheb bhala sinjal ta' distinzjoni specjali, it-tieni fl-Italja wara s-

Santwarju ta’ Loretu, mogħtija minn Papa San Gwanni Pawlu II.

Il-Papa Franġisku tkellem ukoll fuq din l-apparizzjoni Marjana fl-10 ta ’Mejju 2015:" L-Omm tal-Ħniena hija dejjem viċin u tgħin lil uliedha kollha li jinsabu fil-periklu u, bħal tant fi żmienna, isofru diskriminazzjoni u persekuzzjoni ".

Biex tibqa’ imfakkra din id-dehra ta’ Marija Ssma lill-poplu ta’ Savona, fit-18 ta ’Marzu ta’ kull sena  l-Isqof imexxi purċissjoni lejn is-Santwarju akkumpanjat mill-Konfraternitajiet tad-Djoċesi u bosta devoti.

Il-Madonna tal-Ħniena hija xbiha nkurunata mill-Papa Piju VII bħala wegħda għall-ħelsien tiegħu mill-ħabs fejn ġie maqful minn Napuljun fis-sena 1809. Dam prigunier sas-sena 1814 u s-sena ta’ wara, fil-1815 huwa mexxa’ iċ-ċeremonja ta’ l-inkurunazzjoni.

Wara li tkun qrat l-informazzjoni agħmel dan il-proponiment:  Il-Madonna saħqet ħafna li hija lesta li tagħder lil dawk li joffendu lil Binha,

lesta li turi hniena ma’ min jixtieq jirrikoncilja ruhu ma’ Binha.

Nitolbuha biex bhala Ommna hija thenn ghalina u tiksbilna l-mahfra minghand Binha Gesu’ .

Ikklikja fuq l-isem IL-MADONNA TAL-HNIENA

biex izur it-tempju taghha.